MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Numru 1432/2007

Il-Pulizija
(Spettur Romina Veneziani)

vs

Rodianne Galea
Denise Holier

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 148588(M) u 17885(M) rispettivament akkuzati talli:

1. f'Lulju 2007 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' BOV mastercard, a detriment ta' Nicholas Portelli, liema serq hu kwalifikat , bil-persuna, ai terminu tal-Artikoli 261 u 268 tal-Kap 9;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100), izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000), ai terminu tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzati fl-udjenza tal-lum jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma ippersistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jitrattaw serq aggravat bil-persuna u t-truffa.

Hemm l-istqarrijiet tal-akkuzati li jirriflettu l-ammissjoni taghhom sostnuta quddiem il-Qorti 'seduta stante' liema ammissjoni taghhom hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Waqt li qieset l-età taghhom, l-fedina penali netta u c-cirkostanzi li jhallu dubbju mhux tant dwar ir-reita' izda dwar is-sostenibilita' tat-tieni akkuza tiddeciedi kif infraskritt:

- tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-zmien sena;
- tikkundanna lill-imputata Rodianne Galea li tirrestitwixxi lid-derubat is-somma ta' €200 zmien tlett xhur mil-lum.

Rat ghal dan il-fini l-Artikolu 261(d), 268, 308, 310(b) u 17 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati r-responsabbiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------